**Stqarrija Ministerjali mill-Onor. Konrad Mizzi, Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-qtugħ fil-provista ta' dawl matul l-aħħar sigħat**

Sur President,

Qed nagħmel din l-istqarrija Ministerjali biex naġġorna lill-Parlament dwar il-qtugħ ta' dawl li seħħ matul l-aħħar sigħat.

Nixtieq nibda din l-istqarrija billi ntenni dak li diġà insistejt dwaru aktar kmieni llum meta ltqajt ma' uħud mill-impjegati tal-Enemalta plc li ħadmu bis-sħiħ matul il-lejl biex jegħlbu d-diffikultajiet li għaddejna minnhom f'dawn l-aħħar sigħat. Din id-darba f'isem il-Gvern u f'isem il-poplu Malti, nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Enemalta plc għall-impenn tagħhom biex emerġenzi bħal dawn ikunu mill-inqas, u biex meta jseħħu, jiġu solvuti kemm jista' jkun malajr.

Min qed jipprova jsostni li dak li ġara llum kien riżultat ta' inkompetenza qed jippersisti fil-mentalità żbaljata li nuru nuqqas ta' fiduċja fl-inġiniera u t-tekniċi Maltin. Dawn araw biss kif ser isibu soluzzjonijiet biex il-klijenti ta' Enemalta jkollhom il-provvista tal-elettriku f'kull ċirkostanza, anke meta jkunu qed jaħdmu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Dal-lejl, waqt li ħafna kienu reqdin, ħafna ħaddiema kienu qed jistinkaw biex sa filgħodu jingħelbu d-diffikultajiet li esperjenzajna llum minħabba l-qtugħ, ħin bla waqt, tal-provvista tal-elettriku minn Sqallija.

Mill-ġdid insellem lil dawn il-ħaddiema. Insellem ukoll lit-tmexxija tal-Enemalta li kkordinat din il-ħidma, appoġġjat il-ħaddiema f'kull ħin u mill-ewwel marret quddiem il-ġurnalisti biex tagħtihom it-tagħrif kollu li xtaqu dwar l-inċident, biex il-pubbliku jkun aġġornat b'dak kollu li kien għaddej.

Sur President,

Is-sitwazzjoni li ffaċċjajna llum seħħet minħabba n-nuqqas ta' *reliability* u *security of supply* li jkollok jekk tkun dipendenti fuq l-*interconnector* biss.

Ħa nagħti rendikont ta' dak li spjegajna dalgħodu lill-ġurnalisti. L-ewwel sinjali ta' problemi jidher li ġew irreġistrati l-bieraħ tard bil-lejl fl-għaxra u kwart ta' filgħaxija, meta mit-Terminal Station tal-*interconnector* f'Ragusa wasal *alarm* li seta indika li kien hemm xi sistemi ta' kontroll mhux qed joperaw kif mixtieq. Fis-siegħa u sitt minuti ta' filgħodu, waslet it-tieni *alarm*. Dawn l-*alarms*, ma kenux qed jaffettwaw l-operat. Kien fis-siegħa u 40 minuta li f'daqqa waħda din s-sistema ta' kontroll tfiet is-*circuit breaker* tal-kumpanija tal-elettriku Terna fi Sqallija, li jgħaqqad is-sistema tal-elettriku fi Sqallija mal-*interconnector*. Mill-ewwel intfew is-

*circuit breakers* tal-*interconnector* f'Malta, fil-Magħtab, u l-provvista tal-elettriku mill-*interconnector* waqfet ħesrem. Awtomatikament daħlet fis-seħħ is-sistema tal-*automatic load shedding*, li permezz tagħha partijiet mis-sistema tad-distribuzzjoni jintfew biex id-domanda tinġieb fl-istess livell tal-provvista.

Dak il-ħin Malta kienet qed timporta 132 MW mill-*interconnector* waqt li l-kumplament tal-elettriku meħtieġ f'dak il-ħin tal-lejl, 58 MW, kienu qed jiġu ġġenerati fid-Delimara Power Station.

Sfortunatament, l-instabbiltà li nħolqot fis-sistema tad-distribuzzjoni meta ntefa l-*interconnector* wasslet biex fi ftit minuti jintfew ukoll iż-żewġ magni tad-Delimara 1 Power Station. Il-provvista tal-elettriku tal-pajjiż kollu ntfiet. Dan kien għalhekk l-ewwel *shutdown* sħiħ tas-sistemi tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni sa minn Awwissu 2014, meta sofrejna l-inċident tan-nirien li qerdu parti kbira miċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni Marsa South.

L-inġiniera u t-tekniċi tal-Enemalta mill-ewwel bdew il-proċedura ta' emerġenza biex jixegħlu l-impjanti mill-ġdid u tingħata lura l-provvista. Fl-istess waqt, intalbet l-għajnuna tal-inġiniera tal-kumpaniji li jirrappreżentaw lill-Enemalta fi Sqallija, biex minnufih imorru fuq il-post tat-Terminal Station f'Ragusa u jinvestigaw id-diffikultajiet li seta' kien hemm.

Fit-tlieta nieqes minuta ta' filgħodu, inxtegħlet l-ewwel *gas turbine* ta' emerġenza u bdiet tingħata l-provvista lill-klijenti fin-nofsinhar tal-pajjiż. Gradwalment bdew jinxtegħlu impjanti oħrajn biex tingħata l-provvista lil aktar klijenti. Dan il-proċess irid isir b'mod gradwali biex ma jkunx hemm instabbiltà li tista' toħloq diffikultajiet ġodda.

It-tekniċi Taljani waslu fit-Terminal Station ta' Ragusa fit-tlieta u nofs ta' filgħodu. Sa dan il-ħin, l-*interconnector* ma setax jintuża. Ftit wara, dawn it-tekniċi kkonfermaw li l-*interconnector* seta' jinxtegħel mill-ġdid – fil-fatt inxtegħel mill-ewwel u beda l-proċess biex jiġi sinkronizzat mas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'Malta. Il-proċess ta' sinkronizzazzjoni huwa essenzjali biex eventwalment ikun jista' jiġi importat l-elettriku minn Sqallija għal Malta.

Is-sinkronizzazzjoni tlestiet siegħa wara, biex sal-ħamsa u nofs ta' filgħodu l-klijenti kollha f'Malta u Għawdex reġgħu ngħataw il-provvista. Enemalta mill-ewwel bdiet bl-investigazzjonijiet biex tikseb aktar tagħrif dwar dan l-inċident u tikkunsidra x'miżuri jistgħu jittieħdu biex diffikultajiet bħal dawn jiġu evitati.

Sfortunatament, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu l-Interconnector reġa' ntefa f'daqqa, iżda din id-darba m'affettwax l-impjanti f'Delimara u għalhekk ma kenux affettwati l-klijenti kollha. Bit-tifi tal-*interconnector* intilfet madwar nofs il-*grid load* ta' dak il-ħin. Il-provvista reġgħet bdiet

tingħata lill-klijenti mill-ewwel billi komplew jinxtegħlu aktar impjanti ta' emerġenza f'Delimara u fi ftit sigħat il-provvista reġgħet lura għan-normal.

Mill-ewwel indikazzjonijiet li għandhom l-inġiniera ta' Enemalta jidher li l-kawża ta' dawn l-aċċidenti kienet influss ta' ilma tax-xita f'partijiet mit-Terminal Station tal-*interconnector* f'Ragusa, ikkawżat mill-maltemp li hemm fl-inħawi f'dawn il-jiem. Madankollu, dan it-tagħrif qed jiġi kkonfermat mal-kumpanija Taljana. Enemalta bagħtet ukoll numru ta' inġiniera Maltin fi Sqallija biex iwettqu l-investigazzjonijiet meħtieġa u jieħdu l-miżuri kollha li jista' jkun hemm bżonn.

Sadanittant, l-użu tal-*interconnector* qed jinżamm kemm jista' jkun baxx, sakemm jitlestew l-investigazzjonijiet ta' Enemalta plc. Sfortunatament, jekk id-diffikultajiet fl-interconnector jippersistu, jista' jkun li tittieħed deċiżjoni li jerġgħu jintużaw xi impjanti fil-Marsa Power Station, li għadhom *cold standby*. Fil-fatt l-*open cycle* fil-Marsa ntużat dalgħodu.

Il-Gvern qed jappoġġja lil Enemalta biex tegħleb din id-diffikultà fl-inqas żmien possibbli. Fl-istess waqt, inċidenti bħal dawn ikomplu jisħqu fuq l-importanza tal-politika ta' dan il-Gvern li ma jħallix lill-pajjiż dipendenti fuq *single large sources* iżda jkollu *diversified energy mix* li tiżgura l-livell ta' *security of supply* li dan il-pajjiż jixraqlu.

Dalwaqt ser ikollna għad-disponibilità tal-pajjiż *power station* ġdida bl-aktar tekonoloġija avvanzata, li tiġġenera l-elettriku bi prezz sostenibbli, b'effiċjenza kbira, u mingħajr ma tuża *fuels* li jniġġsu l-arja. Ser inkunu wkoll qed nieqfu l-użu tal-*heavy fuel oil* fl-impjant Delimara 3, li se jopera bil-gass naturali wkoll. Fil-jiem li għaddew, anke l-Kummissjoni Ewropea ikkonfermat kemm huwa importanti li jkollna s-sigurtà ta' provvista meħtieġa u bl-*energy mix* kif proposta mill-Gvern.

Il-viżjoni tagħna qed issir realtà. Minflok dipendenza totali fuq il-*heavy fuel oil* u l-*interconnector,* minflok id-dipendenza fuq l-impjanti ta' għexieren ta' snin fil-Marsa u Marsaxlokk, ser ikollna taħlita ta' sorsi ta' ġenerazzjoni ta' elettriku li tagħtina serħan il-moħħ. Impjanti moderni, bl-aktar wieħed antik ikun dak tal-BWSC tal-2012 li ser ikun qed jaħdem bill-gass. Ser ikollna aktar enfasi fuq investimenti ta' *distributed renewables* għall-enerġija mix-xemx u bl-Interconnector li jagħtina l-istabbilita mingħajr ma jorbotna b'dipendenza fuq sors kbir uniku li għalih bħalissa m'għandniex alternattiva sostenibbli, effiċjenti u affidabbli.

Ma ninsewx ukoll li dan kollu qed isir fl-istess snin li Enemalta nbidlet minn Kumpanija falluta bi kważi biljun dejn, u għal xi uħud tiswa biss Ewro, għal kumpanija li mhux biss naqqset id-dejn, mhux biss qed jirnexxilha topera mingħajr telf, mhux biss tat lill-klijenti tagħha l-akbar tnaqqis fit-tariffi fl-Ewropa, iżda wkoll qed ikollha biżżejjed biex twettaq l-investimenti fis-sistema tad-distribuzzjoni, bi proġetti li suppost kellhom isiru snin ilu iżda baqgħu fuq l-ixkaffa

għax ma kienx hemm flus għalihom. Ħafna minnhom wettaqnihom diġà u ser inkomplu nħabbru aktar investiment fis-sistema tad-distribuzzjoni fix-xhur li ġejjin.

Dwar il-benefiċċji li l-klijenti ta' Enemalta diġà qed igawdu mill-investimenti fid-distribuzzjoni tal-elettriku jkollna ċans nagħtu aktar dettalji fiż-żmien li ġej ukoll.

Sur President,

Qegħdin naħdmu biex inħarsu 'l quddiem għal futur b'inqas diffikultajiet, u b'aktar serħan il-moħħ. Minkejja kull diffikultàa, mexjin fid-direzzjoni li dejjem immirajna għaliha, biex l-elettriku f'pajjiżna ma jibqax uġigħ ta' ras iżda jsir opportunità ta' tkabbir, investiment u żvilupp - pilastru ewlieni tas-suċċess ta' pajjiżna.

Grazzi.